MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 752/2013

**Mobisle Communications Limited C-24655**

**vs.**

**Debono Michelle K.I. 396170 (M)**

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu s-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuta tas-somma ta' erba' mija u sitt Ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€406.58), in konnessjoni ma' Laptop Connect (AC 50969780) u li jinkludi Lenovo u internet key Bandluxe C270, u dan skont kuntratt tad-29 ta' Settembru 2009.

Illi s-somma ta' erba' mija u sitt Ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€406.58) fuq indikata hija komposta minn tliet mija u sitta u għoxrin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€326.46) dovuti inkonnessjoni mas-servizz filwaqt illi tmenin Ewro u tnax

–il ċenteżmu (€80.12) huma dovuti bħala penali għat-terminazzjoni antiċipata tal-kuntratt.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta’ erba’ mija u sitt Ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€406.58), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi ppreżentata fit-23 ta’ Mejju 2013 u numerata 1176/13, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------